PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2011/2052(INI)**

25.5.2011

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali
(2011/2052(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Frédéric Daerden

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................................................................9

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali (2011/2052(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu, u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 9, 148, 160 u 168 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 16, 21, 23, 24, 25, 30, 31 u 34[1] tagħha,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1098/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar is-Sena Ewropea għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali (2010)[2],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur tal-1 u t-8 ta' Ġunju 2010 fuq is-suġġett: "Ekwità u Saħħa fil-Linji ta' Politika Kollha: Is-Solidarjetà fis-Saħħa'[3],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur tas-7 ta' Marzu 2010[4],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali- Inizjattiva ewlenija tal-istrateġija Ewropa 2020[5],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-10 ta' Frar tal-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali bit-titolu "SPC Assessment of the social dimension of the Europe 2020 Strategy"[6]

– wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali bit-titolu "Is-Solidarjetà fis-saħħa": dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE"[7],

– wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra

---

[1] ĠU C 303, 14.12.2007, p.1.
[2] ĠU L 298, 7.11.2008, p.20.
[3] Kunsill tal-UE, stqarrija stampa 10560/10 (Stqarrija 156), it-3019 sessjoni tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur, Lussemburgu, is-7 u t-8 ta' Ġunju 2010.
[4] Kunsill tal-UE, stqarrija stampa 7360/11 (Stqarrija 52), it-3073 laqgħa tal-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur, Brussell, is-7 ta' Marzu 2011.
[5] Opinjoni tal-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali lill-Kunsill, Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 6491/11, SOC 124, 15 ta' Frar 2011.
[6] Rapport tal-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali lill-Kunsill, il-Kunsill tal-UE, ADD 1 SOC 135 ECOFIN 76 SAN 30, tat-18 ta' Frar 2011.
[7] Opinjoni tal-Kumitat għall-Ħarsien Soċjali lill-Kunsill, Kunsill tal-UE , 9960/10, SOC 357, SAN 122, 20 ta' Marzu 2011.

l-faqar u l-esklużjoni soċjali[1],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies li huma esklużi mis-suq tax-xogħol[2],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Is-Solidarjetà fis-saħħa: it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE" (COM(2009)0567),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija għall-implimentazzjoni effikaċi tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea" (COM(2010)0573),

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2001 dwar in-Nazzjonijiet Uniti: Jum Internazzjonali għall-Qerda tal-Faqar[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal, fl-UE[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tal-persuni esklużi mis-suq tax-xogħol[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar l-UE 2020[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar il-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni għall-kisba tal-objettivi ta' Lisbona u tal-istrateġija EU 2020[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-8 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-Politika tal-Impjiegi tal-Istati Membri: It-Tieni Parti tal-Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali: Rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri u l-inizjattivi li għandhom jittieħdu (rapport ta' nofs il-perjodu) [9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-rwol tad-dħul minimu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni ta' soċjetà inklużiva fl-Ewropa[10],

---

[1] CdR 402/2010 final, http://toad.cor.europa.eu/corwipdetail.aspx?folderpath=ECOS-V/012&id=20923.
[2] ĠU L 307, 18.11.2008, p. 11.
[3] GU C 87E, 11.4.2002, p. 253.
[4] GU C 9E, 15.1.2010, p. 11.
[5] ĠU C 292E, 5.8.2010, p. 23
[6] Testi adottati, P7_TA(2010)0223.
[7] Testi adottati, P7_TA(2010)0191.
[8] Testi adottati, P7_TA(2010)0309.
[9] Testi adottati, P7_TA(2010)0376.
[10] Testi adottati, P7_TA(2010)0375.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni "Lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri"[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Marzu 2011 dwar l-aspett tal-faqar tan-nisa fl-Unjoni Ewropea[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar ir-rwol tan-nisa f'soċjetà li qed tixjieħ[3],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni bil-miktub tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar l-istrateġija tal-UE għall-persuni bla dar[4],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali" (COM (2010) 0758),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7 0000/2011),

A. billi l-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli ntlaqtu l-aktar mill-kriżi u l-awserità,

B. billi l-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu mill-2000 sal-2008 minkejja l-impenji tal-Unjoni; billi dawn ma jistgħux jitnaqqsu, jew jiġi xprunat it-tkabbir inklussiv, mingħajr ma jiġu miġġielda l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjonijiet,

C. billi l-istrateġija tal-Ewropa 2020 għandha l-għan li tnaqqas in-numru ta’ nies li jinsabu f'riskju ta' faqar b'20 miljun, fuq il-bażi ta' tliet indikaturi (ir-rata tar-riskju ta' faqar wara t-trasferiment soċjali, l-indiċi tat-tiċħid materjali u l-persentaġġ ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità baxxa ħafna ta' xogħol),

D. billi l-faqar huwa ta' detriment għat-tkabbir, iżid id-defiċits tal-baġits pubbliċi u jnaqqas il-kompetittività Ewropea,

E. billi l-faqar huwa fenomenu b’diversi aspetti li jeħtieġ reazzjoni integrata, li tieħu kont tal-fażijiet tal-ħajja u tal-bżonnijiet multidimensjonali tal-persuni, u tkun ibbażata wkoll fuq l-iżgurar ta' aċċess għad-drittijiet, ir-riżorsi u s-servizzi,

F. billi l-impjieg waħdu mhuwiex biżżejjed sabiex il-persuni ma jibqgħux fqar u li l-fenomenu tal-ħaddiema foqra ġie rrikonoxxut f'dawn l-aħħar snin,

G. billi l-linja tal-faqar ta' 60% tad-dħul medjan nazzjonali hija indikatur utli u neċessarju

[1] Testi adottati, P7_TA(2011)0058.
[2] Testi adottati, P7_TA(2011)0086.
[3] Testi adottati, P7_TA(2010)0306.
[4] Testi adottati, P7_TA(2010)0499.

filwaqt li l-kunċett ta' "baskett ta' prodotti u servizzi fundamentali" juri wkoll il-bżonnijiet tal-politiki pubbliċi,

H. billi l-ħarsien soċjali, inklużi s-sistemi ta' dħul minimu, għandu rwol ewlieni fl-istabbilizzazzjoni tal-ekonomija billi jillimita l-impatt tal-kriżi u fid-distribuzzjoni mill-ġdid f'kull stadju tal-ħajja, biex b'hekk ikun hemm protezzjoni kontra r-riskji soċjali u prevenzjoni tal-faqar,

I. billi s-saħħa u l-medja ta' għomor il-bniedem huma marbuta mal-ambjent soċjali u mal-faqar tat-tfal u billi għad hemm distakk sinifikanti fil-qasam tas-saħħa bejn is-sinjuri u l-fqar u dan qed ikompli jikber fir-rigward ta' ċerti oqsma,

J. billi l-anzjani, b'mod partikolari n-nisa, huma esposti għal riskju ogħla ta' faqar mill-popolazzjoni ġenerali minħabba t-telf ta' dħul tagħhom meta jirtiraw kif ukoll minħabba fatturi oħra bħad-dipendenza fiżika; billi l-qtugħ tar-rabta soċjali bejn il-ġenerazzjonijiet huwa problema maġġuri tas-soċjetajiet tagħna,

K. billi n-nisa għandhom riskju akbar ta' faqar minħabba diversi fatturi bħad-differenzi persistenti ta' pagi bejn is-sessi, id-differenzi fil-pensjoni li konsegwentement jirriżultaw minn dawk, id-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol,

L. billi 20% tat-tfal jinsabu f'riskju ta' faqar meta mqabbel mas-17% tal-popolazzjoni globali Ewropea,

M. billi l-qgħad għaż-żgħażagħ, diġà ogħla meta mqabbel ma' dak tal-gruppi tal-età l-oħra, sploda fl-UE minħabba l-kriżi,

N. billi l-migranti ntlaqtu ħafna mill-kriżi ekonomika,

O. billi r-rata ta' faqar tal-persuni b'diżabbiltà hija 70% ogħla mill-medja,

P. billi parti sinifikattiva tar-Roma tal-Ewropa hija emarġinata u tgħix f'kundizzjonijiet soċjoekonomiċi terribbli,

**Méthodes de la plateforme Metodoloġija għall-Pjattaforma**

1. Jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi s-soċjetà ċivili fil-livelli nazzjonali u Ewropej u li d-djalogi ma' persuni li jinsabu f'sitwazzjoni ta' faqar tagħmilhom parti formali tal-Konvenzjoni annwali dwar il-faqar;

2. Jitlob kontroll kritiku u regolari tal-progress tal-Istati Membri fil-kisba tal-mira ta' tnaqqis tal-faqar u t-traspożizzjoni tiegħu f'sottomiri mill-Istati Membri;

3. Jitlob jkun ċar li l-Kummissjoni tkun responsabbli legalment fil-każ ta' nuqqas ta' applikazzjoni tal-klawsola soċjali orizzontali u li hi tippreċiża r-rwol tal-pjattaforma fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħha;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika l-linji baġitarji rilevanti għall-Pjattaforma;

5. Jitlob li l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni jissaħħaħ u jiġi applikat b'mod korrett għall-

qasam tal-faqar b'mod partikolari permezz ta' strateġiji nazzjonali ta' inklużjoni soċjali vvalutati flimkien;

6. Jitlob lill-Kummissjoni tispeċifika l-prinċipji komuni tad-definizzjoni tal-"baskett ta' prodotti u servizzi fundamentali" aċċessibbli għal kulħadd;

**Les pistes de solution Soluzzjonijiet għall-kwistjoni**

7. Jitlob skeda għat-twettiq tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 dwar l-istrateġija għall-inklużjoni attiva;

8. Jappoġġa l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità permezz ta' taħriġ professjonali u l-proviżjon ta' għajnuna individwalizzata għat-tfittxija ta' impjiegi, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati;

9. Jitlob drittijiet u protezzjoni soċjali ugwali għall-ħaddiema kollha f'kull Stat Membru;

10. Jirrakkomanda lill-Istati Membri l-implimentazzjoni jew l-iżvilupp ulterjuri ta' miżuri intiżi għall-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà fl-impriżi u fis-servizzi pubbliċi sabiex tiġi promossa l-inklużjoni;

11. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt tal-fondi Ewropej fuq il-mira ta' tnaqqis tal-faqar, anki jekk dawk mhuwiex l-objettiv primarju tagħhom; iqis li l-proġetti li jinkludu objettivi u strateġiji ta' impjieg mal-inklużjoni attiva għandhom jingħataw prijorità;

12. Ifakkar lill-Istati Membri jippreżentaw programmi nazzjonali ta' riforma konsistenti mal-objettiv tal-Pjattaforma, u jistieden lill-Kummissjoni ma tirristrinġix il-kapaċità ta' investiment u ta' nfiq soċjali tagħhom fil-kuntest tal-governanza ekonomika, fid-dawl tal-fatt li t-tnaqqis tal-faqar jeħtieġ tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv kif indikat fl-israteġija tal-Ewropa 2020;

13 Jitlob li l-Kummissjoni tibda tfassal direttiva orizzjonali kontra d-diskriminazzjoni sabiex titkompla l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjonijiet;

14. Jilqa' r-rieda tal-Kummissjoni li tikkjarifika l-kuntest ġuridiku applikabbli għall-impriżi tal-ekonomija soċjali sabiex huma jkunu jistgħu jikkontribwixxu mingħajr ostakoli għat-tnaqqis tal-faqar;

15. Jirrakkomanda politika proattiva fil-qasam tal-akkomodazzjoni sabiex jiġi żgurat li kulħadd ikollu aċċess għal akkomodazzjoni diċenti bi prezz li jista' jintlaħaq, kif ukoll fil-qasam tal-enerġija, billi jissaħħaħ l-użu ta' enerġiji rinovabbli u tiġi promossa l-effiċjenza fl-enerġija;

16. Jitlob li r-Roma jkunu involuti fil-politiki kollha tal-Unjoni jew tal-Istati Membri li jirrigwardaw l-inklużjoni soċjali tagħhom;

17. Jitlob li l-ġdieda kontra l-faqar tat-tfal tkun ikkonċentrata fuq il-prevenzjoni billi jiġi żgurat l-aċċess għas-servizzi għal tfal żgħar ħafna, permezz ta' kopertura adegwata tat-territorji minn dawn is-servizzi;

18. Jixtieq li l-Kummissjoni tibda tfassal direttiva qafas dwar id-dħul minimu, intiża sabiex timpedixxi l-faqar u tipprovdi bażi sabiex in-nies jgħixu b'mod dinjituż u twettaq avvanzi fit-tfittxija ta' impjiegi jew ta' taħriġ, b'kundiserazzjoni xierqa għall-prattiki differenti, ftehimiet kollettivi jew il-liġi fl-Istati Membri differenti;

19. Iqis li l-faċilitajiet ta' kura tal-anzjani għandhom jiġu żviluppati fl-Istati Membri kollha sabiex jiġi evitat li huma jsiru esklużi jew fqar;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Għalkemm l-Unjoni Ewropea hija waħda mir-reġjuni l-aktar sinjuri fid-dinja, hemm aktar minn 80 miljun persuna li jinsabu f'riskju ta' faqar, li fosthom hemm 20 miljun tifel u 8% tal-popolazzjoni attiva.

Din is-sitwazzjoni hija inkompatibbli mal-valuri Ewropej ta' ġustizzja u solidarjetà li jinsabu fit-Trattati.

Madankollu, il-faqar u l-esklużjoni soċjali żdiedu dawn l-aħħar snin minkejja l-impenji tal-Unjoni biex tnaqqashom.

Il-kriżi tal-2008 u l-konsegwenzi tagħha komplew iżidu l-problema billi poġġew aktar pressjoni fuq il-gruppi l-aktar vulnerabbli.

Għalkemm il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali taqa' essenzjalment taħt ir-responsabbiltà tal-gvernijiet lnazzjonali, l-Unjoni jista' jkollha madankollu rwol importanti, fil-qasam tal-għarfien dwar is-sitwazzjoni, ta' koordinament u ta' finanzjament.

Sabiex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli u inklussiv, huwa essenzjali li jiġu integrati l-kategoriji l-aktar vulnerabbli fi ħdan il-proġett Ewropew peress li t-tnaqqis tal-faqar jikkostitwixxi spinta ta' dan it-tkabbir futur.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iddeċiedew li s-sena 2010 tiġi nominata bħala s-"Sena Ewropea għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali" sabiex jiġi affermat mill-ġdid u rrinforzat l-impenn politiku inizjali meħud mill-Unjoni Ewropea waqt it-tnedija tal-Istrateġija ta' Liżbona biex jitħalla "impatt deċiżiv fuq l-eradikazzjoni tal-faqar".

Matul din is-sena, il-Parlament adotta b'mod partikolari ir-rapport dwar ir- rwol tad-dħul minimu fil-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni ta' soċjetà inklussiva fl-Ewropa.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea, min-naħa tagħha, ippubblikat fis-16 ta' Diċembru 2010, il-Kommunikazzjoni tagħha dwar il-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali: Qafas Ewropew għall-koeżjoni soċjali u territorjali.

Din hija waħda mis-seba' inizjattivi ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020. Din il-Pjattaforma se tipprovdi lill-Istati Membri b'"qafas ta' xogħol" li jinvolvi approċċ iddiversifikat sabiex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi tal-istrateġija Ewropa 2020 jiġifieri biex 20 miljun ta' persuni jegħlbu l-faqar minn issa sal-2020.

Bħala parti minn strateġija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva, il-Pjattaforma hija intiża sabiex tippromwovi b'mod partikolari l-innovazzjoni u l-isperimentazzjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar fil-form differenti li dan jista' jkollu, matul l-istadji kollha tal-ħajja, l-użu aħjar tal-fondi Ewropej u t-titjib tal-effettività tal-ħarsien soċjali.

Matul dawn ix-xhur li ġejjin, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-programm nazzjonali ta' riforma lill-Kummissjoni Ewropea billi jinkludu l-mod ta' kif se jiġġieldu l-esklużjoni soċjali u l-faqar. Huma se jirraportaw fuq l-inizjattivi tagħhom fil-kuntest tar-rapporti nazzjonali fuq l-istrateġija Ewropa 2020.

Peress li l-faqar huwa fenomenu b'diversi aspetti, jeħtieġ reazzjoni integrata li tkun tinvolvi l-livelli differenti tas-setgħat pubbliċi, mill-livell Ewropew sal-livell lokali, bi sħab ma' dawk li qed jaħdmu fuq il-post.

Din hija r-raġuni fundamentali għal dan ir-rapport, li huwa bbażat ħafna fuq l-input tal-atturi kkonċernati, b'mod partikolari fil-livell tal-proposti mressqa minnu sabiex jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-pjaga li tikkonsisti fil-faqar u l-esklużjoni soċjali.